MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2009

Numru 566/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**KONTRA**

**GEORGE GRECH ta’ 40 sena, iben Carmel u Maria nee’ Falzon, imwieled Attard nhar il-31 ta’ Mejju, 1969, residenti fil-fond numru 15, Triq il-Providenza, Balzan, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 38670M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **GEORGE GRECH** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-11 ta’ Gunju, 2009 ghall-habta tal-11:00 ta’ fil-ghodu, u fil-granet ta’ qabel, f’xi lokalita’ f’dawn il-Gzejjer hedded permezz ta’ SMS minn apparat cellulari lil

Onor Marie Louise Coleiro – membru tal-Kamra tad-Deputati u persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li tkun taghmel jew minhabba li tkun ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur ta’ l-Artikoli 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati u cirkostanzi hedded permezz ta’ SMS minn apparat cellulari lil Onor Marie Louise Coleiro Preca persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku u ghamlilha ordni jew kundizzjoni bi ksur ta’ l-Artikolu 249(1) u 249(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess dati u cirkostanzi gab ruhu b’mod li kkaguna lil Onor Marie Louise Coleiro Preca, bezza’ li ser tintuza vjolenza kontrieha jew kontra l-proprjeta’ taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna msemija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta meta kien jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi haddiehor hekk biza’ bi ksur ta’ l-Artikolu 251(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess dati u cirkostanzi ghamel lil Onor Marie Louise Coleiro Preca theddid jew ingurji mhux imsemmija band’ohra fil-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b’mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni skond l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, cioe’ nhar il-prezentata;

Rat l-Artikoli 95(1), 249(2), 251(b), 339(1)(e), kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ssibu hati ta’ l-istess.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lil George Grech hati ta’ l-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu, u tikkundannah multa fl-ammont ta’ tliet mija u hamsin Ewro(€350) u tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni favur il-parte civile, cioe’ l-Onor Marie Louise Coleiro Preca ai termini ta’ l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal zmien sentejn(2), b’dan illi l-istess George Grech m’ghanda la b’mod dirett u lanqas indirett javvicina lill-istess Onor Marie Louise Coleiro Preca jew membri tal-familja taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------